MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 112/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Ritianne Micallef (K.I. 13778M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u wiehed u sittin ewro u centezmu (€561.01) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ telekommunikazzjoni kont numru 475474 mogthi mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjz u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-24 ta' Jannar, 2011 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri w l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------